

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Tariffi Tal-qorti Dwar Il-proċedura Tal-ħlas Ewropea](#) > [Latvia](#)

Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn
Latvja

Latvja

Introduzzjoni

Skont l-[Artikolu 33 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili](#) (*Civilprocesa likums*) l-ispejjeż legali (*tiesāšanās izdevumi*) jinkludu

- (1) it-tariffi tal-qorti;
- (2) id-depożiti;
- (3) l-ispejjeż relatati mat-trattament tal-proċedimenti.

Liema tariffi japplikaw?

Trid titħallas tariffa tal-Istat għal rikors għal ordni ta' ħlas Ewropea skont ir-[Regolament \(KE\) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill](#) li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea.

Matul il-proċedimenti, il-parti jista' jkollha tħallas ukoll spejjeż relatati mal-eżami tal-kawża lit-Teżor tal-Istat (pereżempju l-ispejjeż li jkunu saru għat-tfittxija tal-intimat fuq talba tar-rikorrent, jew spejjeż għall-konsenja, il-ħruġ u t-traduzzjoni taċ-ċitazzjonijiet u ta' dokumenti tal-qorti oħra).

Kemm għandi nħallas?

Skont l-[Artikolu 34\(1\)\(9\) tal-Liġi tal-Proċedura Ċivili](#) għal rikors għall-ordni ta' ħlas Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura Ewropea għal ordni ta' ħlas, it-tariffa tal-Istat hija 2% tas-somma tad-dejn, iżda ma tistax taqbeż EUR 500.

L-ammont tal-ispejjeż marbuta mal-eżami ta' kawża jista' jvarja skont għadd ta' fatturi (eż. il-mod tal-kunsinna tad-dokumenti, bil-posta jew bil-posta elettronika).

X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

Jekk rikors ma jkunx akkumpanjat mid-dokumenti li jikkonfermaw il-ħlas tat-tariffi tal-Istat u spejjeż tal-qorti oħra skont il-proċedura u skont l-ammont previst mil-liġi, il-qorti, skont l-[Artikolu 133 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili](#), ma tkompli tikkunsidra r-rikors, u tiffissa terminu għar-rikorrent biex jelimina n-nuqqasijiet.

Jekk ir-rikorrent jelimina n-nuqqasijiet fit-terminu stabbilit, ir-rikors jitqies li għe ppreżentat fil-jum li fih għe ppreżentat l-ewwel darba lill-qorti.

Jekk ir-rikorrent ma jeliminax in-nuqqasijiet fit-terminu stabbilit, ir-rikors jitqies li ma għe ppreżentat u jintbagħat lura lir-rikorrent.

Jekk rikors jintbagħat lura lir-rikorrent, dan ma jfissirx li r-rikorrent ma jistax jerġa' jippreżentah lill-qorti, skont il-

proċeduri ordinarji stabbiliti fil-Liġi.

Jekk iridu jitħallsu l-ispejjeż tal-qorti għan-notifika tad-dokumenti, il-qorti ma tinnotifikax id-dokumenti qabel ma titħallas it-tariffa rilevanti. Madankollu, jekk l-ispejjeż għall-eżami ta' kawża ma jitħallsux b'mod volontarju lit-Teżor tal-Istat qabel l-eżami tal-kawża, dawn jiġu rkuprati f'konformità mar-regoli ġenerali tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi.

Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?

[Tariffi tal-Istat u kontijiet tal-qorti \(Valsts nodevas un tiesu konti\).](#)

It-tariffa tal-Istat tista' titħallas fil-kont tat-Teżor tal-Istat (*Valsts kase*). It-tariffa tal-Istat ([l-Artikolu 34 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili](#), ħlief is-sitt Paragrafu) għandha titħallas kif ġej:

Benefiċjarju: Teżor tal-Istat

Numru tar-reġistrazzjoni: 90000050138

IBAN: LV55TREL1060190911200

Bank tal-benefiċjarju: Teżor tal-Istat

Kodiċi BIC: TREL LV22

Għan tal-ħlas: Indika d-*data* li tidentifika l-persuna jew il-kawża: in-numru tal-kawża (jekk ikun magħruf); għall-persuni fiżiċi, l-isem, il-kunjom, u n-numru tal-karta tal-identità personali; għall-persuni ġuridiċi, l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni. Jekk il-ħlas ta' tariffa tal-Istat isir f'isem persuna oħra, trid tingħata informazzjoni li tidentifika lil dik il-persuna: in-numru tal-kawża (jekk ikun magħruf); għall-persuni fiżiċi, l-isem, il-kunjom, u n-numru tal-karta tal-identità personali; għall-persuni ġuridiċi, l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni.

It-tariffa tal-Istat għas-sottomissjoni għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' eżekuzzjoni jew dokument ieħor ta' eżekuzzjoni tista' titħallas lill-kont tat-Teżor tal-Istat. It-tariffa tal-Istat għas-sottomissjoni għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' eżekuzzjoni jew ta' dokument ieħor ta' eżekuzzjoni ([l-Artikolu 34 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili](#), is-sitt Paragrafu) għandha titħallas kif ġej:

Benefiċjarju: Teżor tal-Istat

Numru tar-reġistrazzjoni: 90000050138

IBAN: LV71TREL1060190911300

Bank tal-benefiċjarju: Teżor tal-Istat

Kodiċi BIC: TREL LV22

Għan tal-ħlas: Indika d-*data* li tidentifika l-persuna jew il-kawża: in-numru tal-kawża (jekk ikun magħruf); għall-persuni fiżiċi, l-isem, il-kunjom, u n-numru tal-karta tal-identità personali; għall-persuni ġuridiċi, l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni. Jekk il-ħlas ta' tariffa tal-Istat isir f'isem persuna oħra, trid tingħata informazzjoni li tidentifika lil dik il-persuna: in-numru tal-kawża (jekk ikun magħruf); għall-persuni fiżiċi, l-isem, il-kunjom, u n-numru tal-karta tal-identità personali; għall-persuni ġuridiċi, l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni.

L-ispejjeż relatati mal-eżami ta' kawża u l-ispejjeż marbuta mal-eżekuzzjoni ta' obbligi wara n-notifika jistgħu jitħallsu fil-kont tal-Amministrazzjoni tal-Qrati (*Tiesu administrācija*). Spejjeż relatati mal-eżami ta' kawża ([l-Artikolu 39 tal-Liġi tal-Proċedura Ċivili](#)) u spejjeż relatati mal-eżekuzzjoni tal-obbligi wara notifika ([l-Artikolu 406.³ tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili](#)):

Il-qrati tad-distrett (tal-belt) u l-qrati reġjonali:

Benefiċjarju: Amministrazzjoni tal-Qrati

Numru tar-reġistrazzjoni: 90001672316

IBAN: LV51TREL2190458019000

Bank tal-benefiċjarju: Teżor tal-Istat

Kodiċi BIC: TREL22

Għan tal-ħlas: "21499", u agħti d-dettalji li jidentifikaw il-persuna jew il-kawża: in-numru tal-kawża (jekk ikun magħruf); għall-persuni fiżiċi, l-isem, il-kunjom, u n-numru tal-karta tal-identità personali; għall-persuni ġuridiċi, l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni. Jekk il-ħlas tal-ispejjeż relatati mal-eżami ta' kawża jsir f'isem persuna oħra, trid tingħata informazzjoni li tidentifika lil dik il-persuna: in-numru tal-kawża (jekk ikun magħruf); għall-persuni fiżiċi, l-isem, il-kunjom, u n-numru tal-karta tal-identità personali; għall-persuni ġuridiċi, l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni.

X'għandi nagħmel wara l-ħlas?

Meta tippreżenta rikors lill-qorti, inti trid tehmeż id-dokumenti li jikkonfermaw il-ħlas tat-tariffi tal-Istat u ta' spejjeż oħra tal-qorti skont il-proċedura u fl-ammont preskritt mil-liġi. Trid tħallas kwalunkwe spiża relatata mal-eżami tal-kawża qabel l-eżami tal-kawża.

L-aħħar aġġornament: 05/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.